A.L. 153 ta' l-1993

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 203 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1978 biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 88 ta' l-1978.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minflok it-tifsira ta' "*ground* ta' l-i*sports*" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:—

" "*ground* ta' l-i*sports*" tfisser —

(a) l-Istadium Nazzjonali Ta' Qali — Ta' Qali;

(b) il-Marsa Sports Ground — Marsa;

(ċ) il-*Ground* ta' l-I*sports* ta' Pace Grasso — Paola;

(d) il-*Marsa Race Club* u l-Korsa tat-Tiġrija — Marsa;

(e) il-*Ground tal-Football* ta' Manoel Island — Gżira;

(f) il-*Hibernians Football Ground* — Kordin, Paola;

(g) il-*Ground* tas-Sannat — Għawdex;

(ħ) is-*Silver Jubilee Ground* — Għawdex;

u tinkludi

(i) il-*Pool* Nazzjonali u l-Kumpless Sportiv ta' l-Università — Tal-Qroqq, Msida;

(j) l-*Ex-Pool* Nazzjonali — Marsascala; u

(k) kull *ground* ta' l-i*sports* jew *pool* ieħor li l-Ministru jista' jispeċifika b'ordni.".